# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru 11**

**Avviz numru 526/01/SM**

**Godwin Falzon u Alfred Falzon f'isimhom proprju u ghall-HLB Falzon and Falzon.**

**vs**

**A. & J. Projects Limited gja qabel il-conversion mgharufa bhala A. & J. Projects**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat 29 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz tieghu l-atturi proprio et nomine sejjhu lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Illi thallas lill-atturi pro et noe s-somma ta' tlett mija u disgha u sebghin lira Maltin u hamsin**

**centezmu, (LM379.50,0) flimkien mal-imghax legali mid-data tal-Avviz, import ta' hlas ta' xoghol ta' auditjar, accountancy u xoghol iehor in konnessjoni ma twaqqif ta' socjeta' kummercjali u xoghol iehor professjonali u spejjez inkorsi mill-atturi pro et noe fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta skond il-prospett Dok. A;**

**2. Bl-ispejjez komprizi LM5.75,0 tal-ittra interpellatorja u tal-mandat ta' sekwestru tad-29 ta' Mejju, 2001 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta datata 8 ta' Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici ndikati fl-avviz;**

**In vista tas-suespost, il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez u l-imghaxijiet kontra s-socjeta' konvenuta.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**